

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2019 — Hércules Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-766/16) <sup>(1)</sup>

(“*Għajjnuna mill-Istat — Ghajjnuna mogħtija minn Spanja favur ċerti klabbs tal-futbol professjonal — Garanzija — Deċiżjoni li tiddikjara l-ghajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Vantaġġ — Obbligu ta' motivazzjoni*”)

(2019/C 164/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Hércules Club de Fútbol, SAD (Alicante, Spanja) (rappreżentanti: S. Rating u Y. Martínez Mata, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Luengo, B. Stromsky u P. Němečková, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/365 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.36387 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2013/CP) implimentata minn Spanja għal Valencia Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva, Hércules Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva u Elche Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva u Elche Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva (ĠU 2017, L 55, p. 12).

### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/365 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.36387 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2013/CP) implimentata minn Spanja għal Valencia Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva, Hércules Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva u Elche Club de Fútbol Sociedad Anónima Deportiva, hija annullata sa fejn din tikkonċerna lil Hércules Club de Fútbol, SAD.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Hércules Club de Fútbol.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 6, 9.1.2017.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-26 ta' Marzu 2019 — Boshab et vs Il-Kunsill

(Kawża T-582/17) <sup>(1)</sup>

(“*Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħħuda fil-konfront ta' ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo — Lista tal-persuni u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u tar-riżorsi ekonomiċi u l-projbizzjoni ta' dħul u ta' transitu — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrenti fil-lista — Drittijiet tad-difċża — Dritt għal smiġ — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva*”)

(2019/C 164/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika tal-Kongo) u s-seba' rikorrenti l-oħra li l-ismijiet tagħhom huma indikati fl-anness għas-sentenza (rappreżentanti: inizjalment P. Chansay Wilmette, A. Kalambay Ndaya u P. Okito Omole, sussegwentement T. Bontinck, M. Forgeois, P. De Wolf u A. Guillerme, avukati)